MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-2 ta' Lulju, 2008

Appell Kriminali Numru. 32/2008

**Il-Pulizija**

**v.**

**Josephine Bartolo**
**Joseph Sant**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Josephine Bartolo u Joseph Sant talli:

(1) Fit-18 ta’ Settembru 2004 bla hsieb li jisirqu jew li jaghmlu xi hsara kontra l-ligi izda biex jezercitaw jedd li jippretendu li ghandhom, fixklu lil Joseph u Emanuela Abdilla fil-pussess ta’ hwejjighom, jew b’xi mod iehor kontra l-ligi, indahlu fi hwejjeg il-kwerelanti, u dan billi qalghu ‘aerial’ proprjeta` tal-kwerelenti minn fejn kien inwahhal u billi wessghu u kabbru twieqi ezistenti u

nehhew l-ilqugh li kellhom dawn it-twieqi u fethu twieqi godda li jaghtu fuq il-proprjeta` tal-kwerelanti;

(2) Matul l-ahhar xhur minn Dicembru 2003 sa issa, b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni taghhom jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ghamlu hsara jew hassru jew gharrqu hwejjeg tal-kwerelanti;

(3) Matul l-ahhar xhur ippermettew li jaqa' ilma, terrapien, trab u hmieg mill-proprjeta` taghhom fil-proprjeta` tal-kwerelanti.

Il-Qorti giet mitluba li tapplika l-artikolu 377(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna li jitnehha l-inkonvenjent mahluq mill-imsemmijin Josephine Bartolo u Joseph Sant fi zmien qasir li jigi stabbilit mill-Qorti taht penali ta' *ammenda* skond il-ligi ghal kull gurnata li matulha jkomplki n-nuqqas, wara li jghaddi l-imsemmi zmien;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-23 ta' Jannar 2008, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmijin Josephine Bartolo u Joseph Sant hatja ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra taghhom u, wara li rat l-artikoli 85 u 328(d) tal-Kodici Kriminali, ikkundannathom ghal hlas ta' multa ta' mija u ghaxar Euro (€110.00) kull wiehed, iddikjarat li ma hemmx lok ghall-applikazzjoni ta' l-artikolu 377(3) tal-Kodici Kriminali, u ordnat lil kull wiehed mill-imsemmijin Josephine Bartolo u Joseph Sant ihallsu s-somma ta' hames mitt Euro (€500.00) spejjez inkorsi fil-hatra tal-periti;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmijin Josephine Bartolo u Joseph Santipprezentat fl-4 ta' Frar 2008 li permezz tieghu talbu li din il-Qorti tvarja/ tbiddel is-sentenza appellata billi, waqt illi tikkonfermaha fil-bqija, tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn l- appellanti gew ikkundannati illi jhallsu kull wiehed minnhom is-somma ta' hames mitt Euro (€500.00) spejjez inkorsi mal-hatra tal-periti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-uniku aggravju ta' l-appellanti huwa li ma kellhomx jigu kkundannati jhallsu l-ispejjez peritali peress illi l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jipprovdi ghal tali hlas fejn il-kawza ssir mill-Pulizija *ex officio*, u l-kaz odjern tmexxa bil-kwerela tal-parti.

L-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jaqra hekk :

**"Meta l-kawza ssir mill-Pulizija <u>ex officio</u>, il-Qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew lil hatjin, ilkoll flimkien in solidum jew kull wiehed ghalih, ghal hlas lir-registratur, ta' l-ispejjez kollha jew ta' parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri…."** (sottolinear ta' din il-Qorti).

F'dan il-kaz jirrizulta li l-kawza ma tmexxietx mill-Pulizija *ex officio* izda permezz ta' kwerela ta' l-Avukat Dottor Gianfranco Gauci f'isem Joseph u Emanuela konjugi Abdilla (ara kwerela a fol. 2 tal-process). Ghalhekk f'dan l-aggravju l-appellanti ghandhom ragun u ma kellhomx jigu kkundannati ghall-ispejjez peritali ghax il-ligi titkellem car f'dar-rigward. Ara f'dan is-sens is-sentenza citata mill-appellanti **Il-Pulizija v. Joseph Abdilla** moghtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2008.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha in kwantu kkundannat lill-appellanti jhallsu s-somma ta' hames mitt Euro (€500.00) spejjez inkorsi fil-hatra tal-periti u tikkonfermaha fil-bqija.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------